# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 8 ta' Frar, 2002**

**Appell Nru 125/2001**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Desmond Mizzi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Desmond Mizzi talli (**1**) fil-11 ta' Frar 2001, meta l-gurnata kienet il-jum tal-Hadd, bhala persuna li f'ismu kellu l-licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija tal-fond "Millenia" li jinsab Triq Aldo Moro, Marsa, fetah l-imsemmi hanut ghal-bejgh minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija; u barra minn dan (**2**) naqas li jobdi l-ordni leggittima moghti lilu mill-pulizija;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-13 ta' Gunju, 2001, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lil Desmond Mizzi mhux hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u lliberatu;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu ppresentat fis-27 ta' Gunju, 2001, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-3 ta' Dicembru, 2001; ikkunsidrat:

L-appellant Avukat Generali qieghed jappella fuq il-bazi li, skond hu, l-ewwel qorti fis-sentenza taghha ghamlet enuncjazzjoni zbaljata jew inkompleta tal-ipotezi tal-ligi. Pero` imbghad l-aggravju hu migjub fir-rikors ta' appell f'termini tant xotti li din il-Qorti difficilment tista' tifhem ezattament x'irid jghid l-appellant. In fatti l-aggravju hu migjub hekk:

"Illi l-aggravju hu car u manifest u jikkonsisti filli l-ewwel Qorti enuncjat bir-rispett, l-ipotesi tal-Ligi erroneament, meta qalet li mhux necessarja licenzja in vista tal-Art 5(b)(C) tal-Art 155. Illi l-ewwel Qorti naqset li taghmel referenza ghall-Art 9(1) tal-istess Kap. 155 li <u>tassattivament</u> jeskludi ftuh fil-Hdud. Illi ma ngabet, inoltre, l-ebda prova li l-appellat

kien licenzjat biex izomm xi fiera. Konsegwentement Desmond Mizzi ma kellu l-ebda dritt legali li ma jobdix l-ordnijiet tal-Pulizija".

Dan, u dan biss, huwa l-aggravju ta' l-Avukat Generali. Issa, hija gurisprudenza pacifika ta' din il-Qorti li l-enuncjazzjoni zbaljata jew inkompleta tal-ligi trid tirrizulta mill-atti u cioe` jew mis-sentenza jew minn xi verbal, u wiehed ma jistax semplicement jassumi li ghax l-ewwel qorti tkun waslet ghal konkluzzjoni li tillibera allura necessarjament ghamlet enuncjazzjoni zbaljata jew inkompleta tal-ligi. Fis-sentenza appellata imkien ma jinghad li l-appellat kellu dritt ma jobdix l-ordnijiet tal-pulizija ghax kellu jew ghax ma kellux licenzja biex izomm fiera. Ghalhekk din il-Qorti sejra tinjora l-ahhar zewg sentenzi tal-bran, mir-rikors ta' appell, hawn aktar 'l fuq riportat. Il-bqija tal-aggravju tal-Avukat Generali jirreferi ghal dik il-parti tas-sentenza – il-paragrafu ta' qabel ta' l-ahhar – fejn l-ewwel qorti ghamlet referenza ghad-disposizzjonijiet tal-Kap. 155. Dak li effettivament qalet l-ewwel qorti, ghalkemm forsi b'mod ftit infelici ghal dik li hija kjarezza ta' hsieb, hu (**I**) li l-ewwel imputazzjoni kif migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kienet tipotizza r-reat kontemplat fl-Artikolu 4 moqri ma' l-Artikolu 9(1) tal-Kap. 155, u (**II**) li pero` dan ir-reat ma kienx japplika, fis-sens li ma kien hemm ebda obbligu li hanut jinghalaq "ghall-qadi tal-parruccani fil-Hdud", fis-sitwazzjonijiet kontemplati fil-paragrafi (b) u (d) tal-Artikolu 5 tal-imsemmi Kap. 155. Kemm l-ewwel proposizzjoni kif ukoll it-tieni proposizzjoni huma perfettament korretti. Ma hux korrett l-Avukat Generali meta jikkontendi jew donnu jippretendi li l-Artikolu 9(1) hu "tassattiv" b'mod li, jghid x'jghid l-Artikolu 5, kull hanut ghandu jaghlaq ghall-qadi tal-parruccani nhar ta' Hadd. L-Artikolu 5 hu car fil-portata tieghu: "<u>Ebda haga f'dan l-Att ma ghandha tghodd</u>…", u jsegwu dawk is-sitwazzjonijiet fejn ma hemmx l-obbligu ta' l-gheluq, fosthom il-paragrafi (b) u (d) aktar 'l fuq imsemmija. L-espressjoni "ebda haga" tinkludi wkoll id-disposizzjoni ta' l-Artikolu 9(1). Kif inhu impostat l-aggravju, l-appell ma jistax hlief jigi michud.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

Aldo Testone
Dep.Registratur